DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Diċembru 2008

dwar l-allokazzjoni ta' kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati li huma permessi għall-użi essenzjali fil-Komunità fl-2009 skont ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8398)

(Huma awtentiċi biss it-testi bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan, bis-Sloven u bl-Ispanjol)

(2009/52/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Komunità diġà temmet il-produzzjoni u l-konsum tal-chlorofluorocarbons, ta' chlorofluorocarbons oħrajn li huma kompletament aloġenati, halons, carbon tetrachloride, 1,1,1-trichloroethane, hydrobromofluorocarbon u bromo-chloro-methane.

(2) Kull sena l-Kummissjoni jeħtiġilha tiddetermina l-użi essenzjali ta' dawn is-sustanzi kkontrollati, il-kwantitajiet li jistgħu jintużaw u l-kumpaniji li jistgħu jużawhom.

(3) Id-Deċiżjoni IV/25 tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal dwar is-Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll ta' Montreal", tistipula l-kriterji użati mill-Kummissjoni għad-determinazzjoni ta' kwalunkwe użi essenzjali u tawtorizza l-produzzjoni u l-konsum meħtieġa sabiex tissodisfa l-użi essenzjali tas-sustanzi kkontrollati għal kull Parti.

(4) Il-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal awtorizzaw il-produzzjoni fil-Komunità Ewropea ta' 22 tunnellata ta' chlorofluorocarbons (CFCs) fl-2009 għall-manifattura u l-użu ta' Inalaturi b'Dożaġġ Imkejjel (MDIs) li jikkwalifikaw bħala wieħed mill-użi essenzjali tas-CFCs kif definiti fid-Deċiżjoni IV/25.

(5) Id-Deċiżjoni XIX/18 tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal tawtorizza l-produzzjoni u l-konsum meħtieġa biex jissodisfaw l-użi essenzjali tas-sustanzi kkontrollati elenkati fl-Annessi A, B u C (Sustanzi ta' Grupp II u III) tal-Protokoll ta' Montreal għall-użu fil-laboratorji u skopijiet analitiċi kif elenkati fl-Anness IV għar-rapport tas-Seba' Laqgħa tal-Partijiet, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II għar-rapport tas-Sitt Laqgħa tal-Partijiet, kif ukoll id-Deċiżjonijiet VII/11, XI/15 u XV/5 tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal. Id-Deċiżjoni XVII/10 tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal tawtorizza l-produzzjoni u l-konsum tas-sustanza kkontrollata elenkata fl-Anness E għall-Protokoll ta' Montreal meħtieġa biex jissodisfaw l-użi kritiċi tal-laboratorju u dawk analitiċi tal-methyl bromide.

(6) Skont il-paragrafu 3 tad-Deċiżjoni XII/2 tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal dwar miżuri ta' faċilitazzjoni għat-tranżizzjoni lejn MDIs mingħajr chlorofluorocarbons, l-Istati Membri kollha nnotifikaw lill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent l-ingredjenti attivi li għalihom il-chlorofluorocarbons (CFCs) mhumiex aktar essenzjali fil-manifattura ta' MDIs għat-tqegħid fis-suq tal-Komunità Ewropea.

(7) L-Artikolu 4(4)(i)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jipprevjeni li jintużaw jew li jitqiegħdu fis-suq is-CFCs sakemm mhumiex meqjusa essenzjali skont il-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament. Dawn id-determinazzjonijiet ta' nuqqas ta' essenzjalità għalhekk naqqsu d-domanda għas-CFCs fl-użu fl-MDIs li jitqiegħdu fis-suq tal-Komunità Ewropea. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jipprevjeni li prodotti CFC-MDIs jiġu importati jew jitqiegħdu fis-suq sakemm is-CFCs f'dawn il-prodotti ma jitqisux essenzjali skont il-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 3(1).

(8) Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika [2] lil dawk il-kumpaniji fl-Istati Membri li talbu għall-kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għall-użu ta' sustanzi kkontrollati għall-użi essenzjali fil-Komunità fl-2009 u rċeviet dikjarazzjonijiet dwar l-użi essenzjali tas-sustanzi kkontrollati għall-2009.

[1] ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1.

[2] ĠU C 114, 9.5.2008, p. 27.

(9) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni stabbilit bl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati tal-Grupp I (chlorofluorocarbons 11, 12, 113, 114 u 115) skont ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jintużaw għal skopijiet mediċi essenzjali fil-Komunità fl-2009 għandha tkun ta' 21 360,00 kilogramm ODP [1].

2. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati tal-Grupp I (chlorofluorocarbons 11, 12, 113, 114 u 115) u tal-Grupp II (chlorofluorocarbons li huma kompletament aloġenati) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jintużaw għal skopijiet essenzjali fil-laboratorju fil-Komunità fl-2009 għandha tkun ta' 60 280,8 kilogramma ODP.

3. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati tal-Grupp III (halons) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi fil-Komunità fl-2009 għandha tkun ta' 115,7 kilogramma ODP.

4. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati tal-grupp IV (carbon tetrachloride) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju fil-Komunità fl-2009 għandha tkun ta' 129 390,8 kilogramma Ozone Depleting Potential.

5. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati tal-grupp IV (carbon tetrachloride) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju fil-Komunità fl-2009 għandha tkun ta' 355,65 kilogramma ODP.

6. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati tal-Grupp VI (methyl bromide) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jintużaw għall-użi kritiċi fil-laboratorju u analitiċi fl-Unjoni Ewropea fl-2009 għandha tkun ta' 36,3 kilogramma ODP.

7. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati tal-Grupp VII (hydrobromofluorocarbons) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju fil-Komunità fl-2009 għandha tkun ta' 57,96 kilogramma ODP.

8. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati tal-Grupp IX (bromochloromethane) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju fil-Komunità fl-2009 għandha tkun ta' 11,088 kilogramma ODP.

Artikolu 2

L-inalaturi b'dożaġġ imkejjel bil-chlorofluorocarbons elenkati fl-Anness I ma għandhomx jitqiegħdu fi swieq li fihom l-Awtorità Kompetenti tkun iddeċidiet li mhumiex essenzjali l-chlorofluorocarbons għall-inalaturi b'dożaġġ imkejjel.

Artikolu 3

Matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2009, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(1) L-allokazzjoni tal-kwoti għall-użu mediku essenzjali għall-chlorofluorocarbons 11, 12, 113, 114 u 115 għandha ssir lill-kumpaniji indikati fl-Anness II.

(2) L-allokazzjoni tal-kwoti għall-użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi għall-chlorofluorocarbons 11, 12, 113, 114 u 115 u ta' chlorofluorocarbons oħrajn li huma kompletament aloġenati għandha ssir lill-kumpaniji indikati fl-Anness III.

(3) L-allokazzjoni tal-kwoti għall-użu essenzjali fil-laboratorju u dak analitiku għall-halons għandha ssir lill-kumpaniji indikati fl-Anness IV.

(4) L-allokazzjoni tal-kwoti għall-użu essenzjali fil-laboratorju u dak analitiku għall-carbon tetrachloride għandha ssir lill-kumpaniji indikati fl-Anness V.

(5) L-allokazzjoni tal-kwoti għall-użu essenzjali fil-laboratorju u dak analitiku għall-1,1,1-trichloroethane għandha ssir lill-kumpaniji indikati fl-Anness VI.

(6) L-allokazzjoni tal-kwoti għall-użu kritiku fil-laboratorju u dak analitiku għall-methyl bromide għandha ssir lill-kumpaniji indikati fl-Anness VII.

(7) L-allokazzjoni tal-kwoti għall-użu essenzjali fil-laboratorju u dak analitiku għall-hydrobromofluorocarbons għandha ssir lill-kumpaniji indikati fl-Anness VIII.

(8) L-allokazzjoni tal-kwoti għall-użu essenzjali fil-laboratorju u dak analitiku għall-bromochloromethane għandha ssir lill-kumpaniji indikati fl-Anness IX.

[1] Potenzjal ta' Tnaqqis tas-Saff tal-Ożonu.

(9) Il-kwoti ta' użi essenzjali għall-chlorofluorocarbons 11, 12, 113, 114 u 115, chlorofluorocarbons aloġenati kompletament oħrajn, carbon tetrachloride, 1,1,1-trichloroethane, hydrobromofluorocarbons u bromochloromethane u l-kwoti għall-użu fil-laboratorji u tal-użu analitiku kritiku għall-methyl bromide għandhom ikunu kif stipolati fl-Anness X.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2009 u tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-impriżi li ġejjin:

Acros Organics bvba Janssen Pharmaceuticalaan 3a B-2440 Geel	Airbus France 316, route de Bayonne F-31300 Toulouse
Carlo Erba Réactifs-SDS Z.I. de Valdonne, BP 4 F-13124 Peypin	Chiesi Farmaceutici SpA Via Palermo 26/A I-43100 Parma
CNRS — Groupe de physique des solides Université Paris 7 Denis Diderot et Paris 6 Pierre et Marie Curie F-75251 Paris Cedex 5	Harp International Gellihirion Industrial Estate Rhondda, Cynon Taff Pontypridd CF37 5SX UNITED KINGDOM
Honeywell Specialty Chemicals Wunstorfer Straße 40 Postfach 10 02 62 D-30918 Seelze	Ineos Fluor Ltd PO Box 13, The Heath Runcorn Cheshire WA7 4QF UNITED KINGDOM
Institut scientifique de service public Rue du Chéra 200 B-4000 Liège	LGC Standards GmbH Mercatorstraße 51 D-46485 Wesel
Mallinckrodt Baker BV Teugseweg 20 7418 AM Deventer Nederland	Merck KGaA Frankfurter Straße 250 D-64271 Darmstadt
Mikro + Polo d.o.o. Zagrebška cesta 22 SI-2000 Maribor	Ministry of Defense Defence Fuel Lubricants and Chemicals PO Box 10 000 1780 CA Den Helder Nederland
Panreac Química SA Pol. Ind. Pla de la Bruguera, C/Garraf, 2 E-08211 Castellar del Vallès Barcelona	Sigma Aldrich Chimie SARL 80, rue de Luzais L'Isle d'Abeau Chesnes F-38297 Saint-Quentin-Fallavier
Sigma Aldrich Company The Old Brickyard, New Road Gillingham SP8 4XT UNITED KINGDOM	Sigma Aldrich Laborchemikalien Wunstorfer Straße 40 Postfach 10 02 62 D-30918 Seelze
Sigma Aldrich Logistik GmbH Riedstraße 2 D-89555 Steinheim	Solvay Organics GmbH Hans-Böckler-Allee 20 D-30173 Hannover

Tazzetti Fluids SRL Corso Europa 600/a I-10088 Volpiano (TO)	Valeas SpA Pharmaceuticals Via Vallisneri 10 I-20133 Milano
Valvole Aerosol Research Italiana (VARI) SpA — LINDAL Group Italia Via del Pino 10 I-23854 Olginate (LC)	VWR ISAS 201, rue Carnot F-94126 Fontenay-sous-Bois

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Skont il-paragrafu 3 tad-Deċiżjoni XII/2 tat-Tnax-il Laqgħa tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal dwar il-miżuri ta' faċilitazzjoni għat-transizzjoni lejn MDIs mingħajr "chlorofluorocarbons" (MDIs), il-pajjiżi li ġejjin iddeterminaw li, minħabba l-preżenza ta' MDIs xierqa li ma fihomx is-CFCs, is-CFCs ma jikkwalifikawx aktar bħala "essenzjali" skont il-Protokoll meta jiġu kkombinati mal-ingredjenti attivi li ġejjin:

LISTA TA' SUSTANZI MHUX ESSENZJALI

Tabella 1

Bronkodilataturi Agonisti b'Effett Qasir

Pajjiż	Salbutamol	Terbutaline	Fenoterol	Orciprenaline	Reproterol	Carbuterol	Hexoprenaline	Pirbuterol	Clenbuterol	Bitolterol	Procaterol
L-Awstrija	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Belġju	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Bulgarija	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Ċipru	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Ir-Repubblika Ċeka	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Id-Danimarka	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
L-Estonja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Finlandja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Franza	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Ġermanja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Greċja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
L-Ungerija	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
L-Irlanda	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
L-Italja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Latvja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Litwanja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Lussemburgu	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Malta	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
L-Olanda	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Polonja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Il-Portugall	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Ir-Rumanija	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Is-Slovakkja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Is-Slovenja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Spanja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
L-Iżvezja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Ir-Renju Unit	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X

Tabella 2

Steroids li jittieħdu bl-inalazzjoni

Pajjiż	Beclomethasone	Dexamethasone	Flunisolide	Fluticasone	Budesonide	Triamcinolone
L-Awstrija	X	X	X	X	X	X
Il-Belġju	X	X	X	X	X	X
Il-Bulgarija	X	X	X	X	X	X
Ċipru	X	X	X	X	X	X
Ir-Repubblika Ċeka	X	X	X	X	X	X
Id-Danimarka	X	X	X	X	X	X
L-Estonja	X	X	X	X	X	X
Il-Finlandja	X	X	X	X	X	X
Franza	X	X	X	X	X	X
Il-Ġermanja	X	X	X	X	X	X
Il-Greċja	X	X	X	X	X	X
L-Ungerija	X	X	X	X	X	X
L-Irlanda	X			X		
L-Italja	X	X	X	X	X	X
Il-Latvja	X	X	X	X	X	X
Il-Litwanja	X	X	X	X	X	X
Il-Lussemburgu	X	X	X	X	X	X
Malta				X	X	
L-Olanda	X	X	X	X	X	X
Il-Polonja	X	X	X	X	X	X
Il-Portugall	X	X	X	X	X	X
Ir-Rumanija	X	X	X	X	X	X
Is-Slovakkja	X	X	X	X	X	X
Is-Slovenja	X	X	X	X	X	X
Spanja	X	X	X	X	X	X
L-Iżvezja	X	X	X	X	X	X
Ir-Renju Unit				X		

Tabella 3

Aġenti kontra l-infjammazzjoni li mhumiex steroids

Pajjiż	Cromoglicic acid	Nedrocromil
L-Awstrija	X	X
Il-Belġju	X	X
Il-Bulgarija	X	X
Ċipru	X	X
Ir-Repubblika Ċeka	X	X
Id-Danimarka	X	X
L-Estonja	X	X
Il-Finlandja	X	X
Franza	X	X
Il-Ġermanja	X	X
Il-Greċja	X	X
L-Ungerija	X	
L-Irlanda		
L-Italja	X	X
Il-Latvja	X	X
Il-Litwanja	X	X
Il-Lussemburgu	X	
Malta		X
L-Olanda	X	X
Il-Polonja	X	X
Il-Portugall	X	
Ir-Rumanija	X	X
Is-Slovakkja	X	X
Is-Slovenja	X	X
Spanja	X	X
L-Iżvezja	X	X
Ir-Renju Unit	X	X

Tabella 4

Bronkodilataturi antikolinerġiċi

Pajjiż	Ipratropium bromide	Oxitropium Bromide
L-Awstrija	X	X
Il-Belġju	X	X
Il-Bulgarija	X	X
Ċipru	X	X
Ir-Repubblika Ċeka	X	X
Id-Danimarka	X	X
L-Estonja	X	X
Il-Finlandja	X	X
Franza	X	X
Il-Ġermanja	X	X
Il-Greċja	X	X
L-Ungerija	X	X
L-Irlanda	X	X
L-Italja		X
Il-Latvja	X	X
Il-Litwanja	X	X
Il-Lussemburgu	X	X
Malta	X	X
L-Olanda	X	X
Il-Polonja	X	X
Il-Portugall	X	
Ir-Rumanija	X	X
Is-Slovakkja	X	X
Is-Slovenja	X	X
Spanja	X	X
L-Iżvezja	X	X
Ir-Renju Unit	X	X

Tabella 5

Bronkodilataturi Beta Agonisti b'effett fit-tul

Pajjiż	Formoterol	Salmeterol
L-Awstrija	X	X
Il-Belġju	X	X
Il-Bulgarija	X	X
Ċipru	X	X
Ir-Repubblika Ċeka	X	X
Id-Danimarka	X	X
L-Estonja	X	X
Il-Finlandja	X	X
Franza	X	X
Il-Ġermanja	X	X
Il-Greċja	X	X
L-Ungerija	X	X
L-Irlanda	X	X
L-Italja	X	X
Il-Latvja	X	X
Il-Litwanja	X	X
Il-Lussemburgu	X	X
Malta	X	X
L-Olanda	X	X
Il-Polonja	X	X
Il-Portugall	X	X
Ir-Rumanija	X	X
Is-Slovakkja	X	X
Is-Slovenja	X	X
Spanja	X	X
L-Iżvezja	X	X
Ir-Renju Unit	X	X

Tabella 6

Għadd ta' ingredjenti attivi flimkien f'MDI wieħed

Pajjiż		
L-Awstrija	X Il-prodotti kollha	
Il-Belġju	X Il-prodotti kollha	
Il-Bulgarija	X Il-prodotti kollha	
Ċipru		
Ir-Repubblika Ċeka	X Il-prodotti kollha	
Id-Danimarka	X Il-prodotti kollha	
L-Estonja		
Il-Finlandja	X Il-prodotti kollha	
Franza	X Il-prodotti kollha	
Il-Ġermanja	X Il-prodotti kollha	
Il-Greċja		
L-Ungerija	X Il-prodotti kollha	
L-Irlanda		
L-Italja	Budesonide + Fenoterol	Fluticasone + Salmeterol
Il-Latvja	X Il-prodotti kollha	
Il-Litwanja	X Il-prodotti kollha	
Il-Lussemburgu	X Il-prodotti kollha	
Malta	X Il-prodotti kollha	
L-Olanda	X Il-prodotti kollha	
Il-Polonja	X Il-prodotti kollha	
Il-Portugall	X Il-prodotti kollha	
Ir-Rumanija	X Il-prodotti kollha	
Is-Slovakkja	X Il-prodotti kollha	
Is-Slovenja	X Il-prodotti kollha	
Spanja		
L-Iżvezja	X Il-prodotti kollha	
Ir-Renju Unit		

Sors: www.unep.org/ozone/Information_for_the_Parties/3Bi_dec12-2-3.asp

ANNESS II

UŻI MEDIĊI ESSENZJALI

Kwota ta' sustanzi kkontrollati tal-Grupp I li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' inalaturi b'dożaġġ imkejjel (MDIs) għat-trattament tal-ażżma u ta' mard kroniku ieħor ta' ostruzzjoni pulmonari (COPDs) ġew allokati lil:

Chiesi Farmaceutici SpA (IT)

Valeas SpA Pharmaceuticals (IT)

(VARI) SpA — LINDAL Group Italia (IT)

ANNESS III

UŻI ESSENZJALI FIL-LABORATORJU U ANALITIĊI

Kwoti għal sustanzi kkontrollati tal-Gruppi I u II li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi ġew allokati lil:

Carlo Erba Réactifs-SDS (FR)

CNRS — Groupe de physique des solides (FR)

Harp International (UK)

Honeywell Specialty Chemicals (DE)

Ineos Fluor (UK)

LGC Standards (DE)

Mallinckrodt Baker (NL)

Merck KGaA (DE)

Mikro + Polo (SI)

Panreac Química (ES)

Sigma Aldrich Chimie (FR)

Sigma Aldrich Company (UK)

Sigma Aldrich Logistik (DE)

Tazzetti Fluids (IT)

ANNESS IV

UŻI ESSENZJALI FIL-LABORATORJU U ANALITIĊI

Kwoti għal sustanzi kkontrollati tal-Grupp III li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi ġew allokati lil:

Airbus France (FR)
Ineos Fluor (UK)
Ministry of Defence (NL)

ANNESS V

UŻI ESSENZJALI FIL-LABORATORJU U ANALITIĊI

Kwoti għal sustanzi kkontrollati tal-Grupp IV li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi ġew allokati lil:

Acros Organics (BE)
Carlo Erba Réactifs-SDS (FR)
Honeywell Specialty Chemicals (DE)
Institut Scientifique du Service Publique (BE)
Mallinckrodt Baker (NL)
Merck KGaA (DE)
Mikro + Polo (SI)
Panreac Quimica (ES)
Sigma Aldrich Chimie (FR)
Sigma Aldrich Company (UK)
Sigma Aldrich Laborchemikalien (DE)
Sigma Aldrich Logistik (DE)
VWR ISAS (FR)

ANNESS VI

UŻI ESSENZJALI FIL-LABORATORJI U ANALITIĊI

Kwoti għal sustanzi kkontrollati minn Grupp V li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi ġew allokati lil:

Acros Organics (BE)
Merck KGaA (DE)
Mikro + Polo (SI)
Panreac Quimica (ES)
Sigma Aldrich Chimie (FR)
Sigma Aldrich Chimie (UK)
Sigma Aldrich Logistik (DE)

ANNESS VII

UŻI KRITIĊI FIL-LABORATORJU U DAWK ANALITIĊI

Kwota ta' sustanzi kkontrollati tal-Grupp VI li jistgħu jintużaw għall-użi kritiċi fil-laboratorju u għal dawk analitiċi ġew allokati lil:

Sigma Aldrich Chimie (FR)
Sigma Aldrich Company (UK)
Sigma Aldrich Logistik (DE)

ANNESS VIII

UŻI ESSENZJALI FIL-LABORATORJI U ANALITIĊI

Kwoti għal sustanzi kkontrollati tal-Grupp VII li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi ġew allokati lil:

Ineos Fluor (UK)
Sigma Aldrich Logistik (DE)
Solvay Organics (DE)

ANNESS IX

UŻI ESSENZJALI FIL-LABORATORJI U ANALITIĊI

Kwoti għal sustanzi kkontrollati tal-Grupp IX li jistgħu jintużaw għall-użi essenzjali fil-laboratorju u analitiċi ġew allokati lil:

Ineos Fluor (UK)
Sigma Aldrich Chimie (FR)
Sigma Aldrich Company (UK)
Sigma Aldrich Logistik (DE)

ANNESS X

Dan l-Anness mhuwiex ippubblikat minħabba li fih informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.